DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## META JAĦKEM ID-DLAM

*(M)*

## MITRITCH

### ILKOLL MAGĦMULIN MILL-ISTESS ĦMIEĠ.

Ħallini! Jien m'għandi bżonn l-għajnuna ta' ħadd – u tista' tkun min il-mniegħel tkun għax jien ma jimpurtanix. Ħares lejja – min jien jien, wara kollox? X'jien jien? Darba iva – darba kont surġent fl-ewwel riġment tal-Granatieri tal-Maestà tagħha. Kont tobsorha eh? Kont tobsor li darba ġġilidt għal art twelidi jien? Kont tobsorha?...

...U b'daqshekk? Taħseb li mlejt rasi – li ħsibtni sirt xi ħaġa? Leqq – xejn minn dan. Jien ma jien xejn – għax Ivan Mitritch għex ta' fqir u ta' fqir sejjer imut. Imma ara taħseb li se nibża' minnek!

Jien – jien ili li tliftha ruħi. Kont ħlift iva – darba kont ħlift mela ma kontx – ħlift li ma mmisx aktar xorb ma' xufftejja. U issa – arani – f'sakra ma narax art. Imma ara taħseb li se tbeżżagħni! U jekk irrid nisker sakra għal ħmistax–il jum imqaddes ieħor – nisker! U ħadd mhu se jzommni. Meta kont suldat qaxxruli dari bil-frosta biex naqta' x-xorb. U jgħiduli – "Terġa' tixrob issa?" U jien, "Iva!" – hekk, f'wiċċhom. "Nixrob!" Għaliex għandi nibża' minn żibel bħalhom?

Biex imbagħad – imbagħad kont ħlift li daqshekk xorb – u ma xrobtx aktar. U issa – issa erġajt tajtha għax-xorb – u se nerġa' nixrob!

Għala le? Hekk magħmul jien – li għandi nagħmel, nagħmlu – li għandi ngħidu, ngħidu – ikun min ikun! Jista' jkun ix-Xitan, għax naf nobżoqlu fi qrunu! X'jista' jagħmilli? Raġel jien – raġel jien jew le?

Xiex? Mela tibża' minn bnedmin bħalek? Mhux ilkoll magħmulin mill-istess ħmieġ?... Arahom meta jkunu mneżżgħin – arahom sormom barra! Issib xi wieħed forsi żaqqu akbar, ieħor imlaħħam ftit iżżejjed, ieħor xipli... Imma m'hemmx x'tagħżel! Kollha l-istess biċċa għaġina merħija. Xi trid tibża' – nirra n-nar tal-infern igerrimlu ruħu! *(266)*

Xogħol għadu qed jitlesta.

QR?

PDF

| | | | |
|---|---|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ........... | MINIMU ............ | |
| **PROPS** | .................................................................. | | |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ | IVA ☐ | = .................................... |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. | | |